MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 944/1997/1

**L-Avukat Dr. Louis Galea**

**v.**

**Joe Mifsud**

**Il-Qorti:**

Il-Qorti rat l-att tac-citazzjoni li ressaq l-attur fid-29 ta’ April 1997, li jaqra hekk:

“Peress illi fi stqarrija ghall-istampa mahruga mill-konvenut nhar it-Tnejn 21 ta’ April 1997, intitola ‘Se Nibqa Nghid il-Verita’ akkost ta’ Kollox’ (Dok A) gew attribwiti

fatti determinanti li huma malafamanti fil-konfront ta’ l-attur, li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u li huma ntizi li jweggghu, jaggravaw jew ikissru r-reputazzjoni tieghu.

“Peress illi l-konvenut huwa l-awtur tal-istqarrija ghall-istampa imsemmija.

“Peress illi l-attur, bhala parti malafamata u danneggjata, ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi tal-istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddikkjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku.

“2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f’ammont li ma jeccedix hamest elef Lira (Lm5,000) bhala danni b’applikazzjoni tal-Artikoli 28 ta’ Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi li stqarrija ghall-istampa imsemmija fic-citazzjoni mhijiex libelluza fil-konfront ta’ l-attur.

“2. Illi fl-istqarrija msemmija l-eccepjent jikkummenta bi twegiba ghal attakk qawwi tal-attur kontra tieghu, liema kummenti huma *fair comment* dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku u huma accettabbli f’socjeta` demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

“3. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit l-eccepjent fil-parti tal-istqarrija tieghu dwar l-attur kien qed

iwiegeb ghall-attakk u l-kummenti li l-attur kien ghamel kontra l-eccepjent. Ghaldaqstant f'kull eventwalia' taplika r-regola tal-kompensazzjoni.

"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Marzu 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi;

"…fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddkjara li l-istqarrija in kwestjoni hi libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef euro (€5000) bhala danni ghall-malafama u dana bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

"Spejjes kollha kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din il-kawza tirrigwarda stqarrija ghall-istampa li l-konvenut xandar u ppubblika fil-21 ta' April 1997 u li kienet iggib it-titolu "Se Nibqa Nghid il-Verita' Akkost ta' Kollox." Fic-citazzjoni tieghu l-attur isostni li fl-istess stqarrija il-konvenut attribwilu fatti determinati li, skond l-istess attur, huma malfamanti fil-konfront tieghu u li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u huma ntizi li jweggghu, jaggravaw jew ikissru r-reputazzjoni tieghu. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-msemmija stqarrija ghall-istampa hi libelluza u malfamanti fil-konfront tieghu u li l-istess stqarrija tesponih ghal-disprezz tal-pubbliku. Konsegwentement l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallsu d-danni ai termini tal-artikoli 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur jghamel referenza specifika ghall-ahhar paragrafu tal-istqarrija. Inoltre l-attur iddikjara li huwa qatt ma fixkel it-tfittxija tal-verita’ ghar-rigward tat-traffikar tad-droga. Huwa jkompli jistqarr li bl-istess stqarrija l-konvenut ittanta jimpressjona l-pubbliku li huwa (l-attur) hu b’xi mod assocjat mat-traffikar tad-droga. F’dan ir-rigward l-attur jittimbra din l-istrategija tal-konvenut bhala “frame-up ingust u malinn.” L-attur ifakkar li huwa kien ministru b’responsabilitajiet ghall-politika socjali u ghall-intern, liema responsabilitajiet necessarjament jinvolvu li wiehed ikun attiv fil-glieda kontra d-droga u t-traffikar taghha. L-attur isostni li, b’mod partikolari, l-imsemmi l-ahhar paragrafu minnghajr gustifikazzjoni jwassal lill-pubbliku biex jasal ghal konkluzjonijiet foloz u cioe’ li l-attur hu aktar interessat fih innifsu u fil-futur politiku tieghu milli fil-glieda kontra d-droga, li l-attur ghandu x’jahbi u qed inzomm lura xi informazzjoni dwar xi attivita’ konnessa mat-traffikar tad-droga u li meta l-attur jirreagixxi ghal kritika li ssirlu, l-istess attur ikun qed jimmina l-interessi tal-vittmi tad-droga. Dejjem skond l-attur il-pubblikazzjoni tal-istqarrija in kwestjoni hi tentattiv iehor tal-konvenut biex jimmanipula l-opinjoni pubblika. Infatti ftit qabel ma harget l-istqarrija l-konvenut kiteb artikoli li jwasslu l-impressjoni li l-attur hu implikat u b’xi mod konness ma xi cirkli tad-droga. L-attur jenfasizza li tali impressjoni hi kompletament falza u li xejn ma jista jiggustifika li l-konvenut, anke f’dak li l-istess konvenut isejjah bhala “it-tfittxija tal-verita,’” jwettaq “assassinju ta’ karattru u ta’ reputazzjoni ta’ persuna innocenti.”

“Da parti tiegu l-konvenut qed jeccepixxi li l-istqarrija ghall-istampa in kwestjoni mhux libelluza fil-konfront tal-attur u li l-istess stqarrija hi semplicement twegiba ghal attakk li sar mill-attur kontra l-konvenut u ghalhekk, f’kull eventwalita’, tapplika r-regola tal-kompensazzjoni. Inoltre l-konvenut jeccepixxi li l-kummenti tal-konvenut fl-istqarrija in kwestjoni ghandhom jitqiesu li huma “fair comment” dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku u li huma accettabbli f’socjeta demokratika. Fid-dikjarazzjoni tiegu l-konvenut stqarr li l-istqarrija in kwestjoni kienet twegiba ghal “attakk” li ghamel fuqu l-attur.

“In vista tal-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u in vista tal-imsemmija dikjarazzjoni tal-attur kif verbalizzat fil-kors tas-seduta tal-10 ta’ Novembru 1997, jirrizulta li l-lamentela tal-attur tirrigwarda l-ahhar paragrafu tal-istqarrija in kwestjoni. Dan l-ahhar paragrafu jaqra testwalment kif gej - **“Baqjt skantat kif id-deputat Nazzjonalista Louis Galea huwa aktar inkwetat dwar l-attentat ta’ assassijnju tal-karattri pubblci li s-sistema gudizzjarja ma toffri l-ebda rimedju ghal dan’, milli li tkun maghrufa l-verita. Jekk l-Avukat Louis Galea m’ghandux x’jahbi ghandu jghin biex tkun maghruga l-verita’ kollha u li jikkolobora mal-Pulizija biex isiru maghrufa min kienu dawk li dahhlu d-droga f’pajjizna. Jiena ma jinteressaniex il-futur politiku tad-deputati Parlamentari la ta’ naha u lanqas ta’ ohra, jimpurtani biss li z-zghazagh u l-familji taghna ikunu mharsa mill-mishut vizzju tad-droga”**.

“Wara esami ta’ dan il-paragrafu u tal-kliem li l-konvenut juza fl-istess paragrafu, hi l-opinjoni tal-Qorti li l-konvenut b’dan il-kliem ittanta jghati l-impressjoni lill-pubbliku in generali li l-attur iqies il-futur pubbliku u politiku tieghu bhala aktar importanti milli ssir maghrufa l-verita’ dwar it-traffikar tad-droga f’pajjizna. Il-konvenut juza kliem bhal “jekk l-Avukat Louis Galea m’ghandux x’jahbi,” liema kliem effettivament iwasslu l-impressjoni lill-qarrejja li effettivament l-attur ghandu xi haga x’jahbi ghar-rigward tat-traffikar tad-droga. Inoltre l-konvenut jwassal l-idea lill-qarrejja li l-attur ma kienx qed jghin u ma kienx qed jikkollabora mal-awtoritajiet biex jinkixfu l-persuni li huma involuti fl-importazzjoni tad-droga hawn Malta. Il-konvenut ipingi lilu nnifsu bhala d-difensur taz-zghazagh u l-familji tal-istess zghazagh kontra l-vizzju tad-droga u fl-istess hin jghati l-impressjoni li l-attur m’ghamel xejn u m’hu qed jghamel xejn biex jiddefendi l-istess zghazagh u jzommhom il’ boghod mill-imsemmi vizju. Inoltre l-konvenut jghati l-impressjoni li l-attur minnflok ma jiddefendi liz-zghazagh, jiddefendi lill dawk li qed idahhlu d-droga u lill dawk li jittraffiikaw l-istess droga. In generali l-konvenut jghati l-impressjoni li l-attur hu b’xi mod konness jew b’xi mod involut mat-traffikar tad-droga. Il-

konvenut iwassal lill-qarrej tieghu jikkonkludi li l-attur mhux biss ma ghamel xejn biex jinkixxfu dawk li jimportaw id-droga fil-pajjiz izda li l-istess attur hu l-protettur tal-istess traffikanti tad-droga.

“Ghal dawn ir-ragunijiet l-istqarrija in kwestjoni hi libelluza u malfamanti fil-konfront tal-attur u dana ukoll meta l-imsemmi l-ahhar paragrafu jinqara fil-kuntest tal-kumplament tal-istqarrija. Il-malafama hi aggravata meta jigi konsidrat li l-attur okkupa karigi istituzzjonali u ministerjali li necessarjament kienu jinvolvu attivita’ kontinwa fil-glieda kontra t-traffikar tad-droga.

“Inoltre ma jirrizultax li l-attur, meta kien jokkupa karika istituzzjonali, qatt indahal f’xi investigazzjoni tal-pulizija dwar traffikar tad-droga. Fil-kors tal-gbir tal-provi, f’dawn il-proceduri, tissemma persuna li kienet konsulent fil-ministeru tal-attur. Dan il-konsulent darba wahda fforma parti minn delegazzjoni ministerjali li marret barra minn Malta u li kienet immexxija mill-attur. Meta din l-istess persuna spiccat mill-karika ta’ konsulent fil-ministeru tsal-attur, hi giet akkuzata b’reati konnessi mad-droga. Dawn il-fatti kollha, pero’, zgur li ma jwasslux sabiex jista jinghad li l-attur kien b’xi mod konness mat-traffikar tad-droga.

“In effett jirrizulta li l-konvenut bhala gurnalist kien ircieva ittra anonima (Dokument KX1) li sussegwentement irrizulta li kienet inbghatet minn certu Ciro del Negro, cittadin taljan li hu mizzewweg cittadina maltija. Fil-kors ta’ investigazzjonijiet tal-pulizija konnessi mat-traffikar tad-droga kien instab id-djarju tal-istess del Negro u f’liema djarju kien hemm indikati xi ismijiet ta’ persuni li allegatamentr kienu b’xi mod konnessi mat-traffikar tad-droga. Isem l-attur ma jirrizultax li kien imnizzel f’dan id-djarju. Fid-djarju jissemma hu l-attur li pero’ ma jirrizultax li kien b’xi mod involut fid-droga. Hu l-kontenut ta’ dan id-djarju li wassal lilll-konvenut jikteb ktieb dwaru u li wassal sabiex finalment il-konvenut jxandar l-istqarrija ghall-istampa in kwestjoni.

“F’kawzi bhal presenti, u cioe’ f’kawzi ta’ libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt, f’socjeta

demokratika, li wiehed jghid u jesprimi ruhhu u jsemma l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta kull cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika.

"Dan il-principju gie diversi drabi stabbilit mill-Qrati taghna. (Ara Vincent Borg vs Victor Camilleri - Qorti tal-Appell Civili - 15 ta' Novembru 1994). Kullhadd ghandu jkollu l-liberta' li jghid dak li jhoss li ghndu jghid, pero' tali liberta' ma ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta' cittadini ohrajn l-aktar jekk jigu attribwiti atti li mhux veri. Appuntu gie ukoll ritenut li l-liberta' tal-espressjoni taqbez il-konfini ta dak li hu ragjonevoli u minflok issir ksur tad-drittijet ta' haddiehor appuntu fejn l-espressjoni tkun ibbazata fuq fatti mhux veri. (Ara Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja – Prim'Awla – 19 ta' Jannar 1966);

"Trid ukoll issir distinzjoni bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "kumment". Meta ssir difiza li tirreferi ghal verita' tal-fatti, l-fatt ghandu jigi pruvat. Meta issir difiza dwar kumment gust ghandha ssir il-prova li dak il-kumment hu appuntu gust u mghamul in bona fede. Il-kumment ma jista qatt jkun gust u in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri;

"In vista ta' dak kollu li gie premess l-istqarrija in kwestjoni zgur li ma tistax titqies li hi kumment gust u mghamula in bona fede b'mod partikolari peress li hi bbazat fuq fatti li mhux veri. In effett dak kollu li gie allegat fl-istess stqarrija ma jirrizultax fil-konfront tal-attur. Effettivament ma jirrizultax li l-attur kellu jew ghandu x'jahbi ghar rigward tat-traffikar tad-droga u ma jirrizultax li l-attur qatt ostakola l-investigazzjonijiet u l-indagini sabiex jigi stabbilit min kien u min qed jimporta d-droga. Ma jirrizultax li l-attur ipprotegga jew qed jiopproteggi t-traffikanti tad-droga. Bl-ebda mod ma jirrizulta li l-attur hu involut fit-traffikar tad-droga.

"Minhabba f'hekk lanqas ma jista jinghad li l-istqarrija in kwestjoni hi espressjoni ta' opinjoni jew li tikkonsisti

f’rappurtagg gurnalistiku dwar kwestjonijiet ta’ interess pubbliku u li huma accettabbli f’socjeta demokratika.

“Hu minnu li, dwar il-fatti meritu ta’ dawn il-proceduri, kien hemm dak li jista jissejjah bhala “battibek” bejn l-attur u l-konvenut u dana principalment permezz ta’ artikoli fil-gurnali, programmi fuq ir-radju u stqarrijiet ghall-istampa. Jidher li l-istqarrija in kwestjoni kienet ir-risposta tal-konvenut ghal diversi strqarrijiet tal-attur u b’mod partikolari ghal dak li qal l-attur f’programm radjofoniku. Inoltre il-konvenut kiteb u ffirma varji artikoli li dehru f’gazzetti qabel ma xandar l-istqarrija in kwestjoni. Dawn l-artikoli ukoll kienu jirrigwardaw dak li huwa l-kontenut tal-istqarrija. Dan kollu pero’ ma jiggustifikax li l-konvenut jghamel l-allegazzjonijiet u l-alluzjonijiet li ghamel fl-istqarrija ghall-istampa tieghu. Anke jekk il-konvenut kien qed jirrispondi ghal xi “attakk” li ghamillu tal-attur, ma jfissirx li l-konvenut jista jghid li jrid. Jidher li l-attur fl-istess program fuq ir-radju ghamel kumment fuq il-konvenut, liema kumment l-attur irrepeitih f’dawn il-proceduri. Il-konvenut, jekk hass li b’dan il-kumment huwa gie libellat jew malfamat, seta jagixxi kontra l-attur skond il-ligi. Dan il-konvenut ma ghamlux.

“F’dan ir-rigward il-konvenut qed jeccepixxi li semmai hi applikabbli r-regola tal-kompensazzjoni. Jidher li tali difiza giet accettata mill-Qrati taghna. Difatti gie ritenut li persuna tista’ tikkontrobatti diffamazzjoni generica b’attribuzjoni ta’ diffamzjoni generica. F’dan ir-rigward fis-sentenza “Joseh Orlando vs Avv Dottor Enrico Mizzi (Vol XXIX I.843) intqal li “biex ikun amess id-dritt ta’ ritorsjoni f’materja ta’ ingurja mhux mehtieg illi l-ingurja ribattuta tkun tal-istess gravita’ bhal dik ricevuta. Id-dritt ta’ ritorsioni jirrikjedi zewg kundizzjonijiet indipensabbli, wahda illi jkun hemm ingurja precedenti u l-ohra illi min jirritorci ikollu l-anima li jiddefendi ruhhu u mhux li joffendi.”

“Inoltre l-Qorti tal-Appell fis-sentenza “Lino Spiteri MP vs Raymond Bugeja et” irriteniet li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-artikolu in kwestjoni inkiteb “fil-limitu impost mid-dritt ta’ ritorsjoni, cioe bl-animu mhux tant li jingurja, izda

biss li jidddefendi l-unur tieghu li kien gie attakkat mill-attur.”

“Fil-kaz in esami l-Qorti hi tal-opinjoni li jista jkun li l-kumment li ghadda l-attur fil-konfront tal-konvenut fil-programm tar-radju kien genrikament diffamanti versu l-konvenut. Fl-opionjoni tal-Qorti pero’ dan ma jiggustikax il-kliem li qal il-konvenut fl-istqarrija in kwestjoni. Ma jirrizultax li l-konvenut ghamel tali stqarrija semplicement biex jiddefendi ruhu. Fl-istess stqarrija l-konvenut attakka u offenda l-attur u oltrepassa l-limiti li timponi l-ligi f’dan ir-rigward. Dan il-fatt pero’ ser jittiehed in konsiderazzjoni meta ser jigu likwidati d-danni relattivi.

“Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti. Mill-banda l-ohra jirrizulta sufficjentement pruvat li l-istqarrija in kwestjoni hi libelluza u malfamanti fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu akkolti.

“In vista ta’ dak kollu li gie premess, tac-cirkostanzi specjali tal-kaz u tar-rizultanzi u in vista tal-fatt li l-implikazzjonijiet li saru fl-istqarrija in kwestjoni huma serji u gravi, d-danni ghandhom jigu likwidati fis-somma ta’ hamest elef euro (€5000).”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“…tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Marzu 2009 li biha tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-esponent konvenut appellant u tichad it-talbiet attrici, u f’kull kaz u minghajr pregudizzju, tirrevedi billi tirriduci d-danni likwidati mill-ewwel Qorti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.”

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, stqarr illi s-sentenza appellata hija legalment korretta, fattwalment gusta, u timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;
Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' libell li l-attur ressaq wara stqarrija ghall-istampa mahruga mill-konvenut fil-21 ta' April 1997. L-attur ilmenta in partikolari dwar l-ahhar parti tal-istqarrija li, skont hu, timplikah jew b'xi mod tassocjah mat-traffikar tad-droga. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, kkwotat testwalment l-ahhar paragrafu tal-istqarrija li, fi ftit kliem, tattakka lill-attur li mhux qed jaghmel bizejjed biex tohrog il-verita` kollha dwar investigazzjoni f'kaz ta' traffikar ta' droga.

Fl-investigazzjoni li kien qed jaghmel il-konvenut fuq incidenti ta' traffikar tad-droga, hu jirreferi ghall-djarju ta' certu Ciro del Negro, dokument li kien gie esebit fil-Qorti f'kors ta' proceduri legali relatati mad-droga li fih, l-awtur tad-djarju, isemmi persuni li allegatament kellu kuntatt maghhom. Fost il-persuni li ssemmew kien hemm hu l-attur Joe Galea u Norman Bezzina, impjegat fis-Segretarjat tal-Ministeru tal-attur, u l-konvenut hass li kellu jinvestiga l-kwistjoni kollha. L-attur ma kienx qed jissemma direttament, izda bdiet issir referenza ghal Joe bhala hu l-attur. L-attur, f'dak iz-zmien, kien membru tal-Parlament u Ministru tal-Gvern. Jirrizulta li l-konvenut qatt ma allega li l-attur kien imdahhal personalment fit-traffikar tad-droga, pero`, l-attur, f'xi stadju, ha fastidju bl-implikazzjonijiet li kienu qed isiru, u akkuza lill-konvenut b'*character assassination* u li kien qed jaghmel *frame ups.* Il-konvenut "wiegeb" billi stqarr li l-attur, flok jinkwieta minn assassinju ta' karattri pubblici, u jekk m'ghandu xejn x'jahbi, ghandu jghin biex tkun maghrufa l-verita` kollha.

L-ewwel Qorti sabet li, ghalkemm din l-istqarrija da parti tal-konvenut kienet reazzjoni ghal attakk tal-attur, kienet xorta wahda malafamanti u kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €5,000 in linea ta' danni.

Il-konvenut appella mis-sentenza. Hu qal li f'ebda stadju ma ried jinvolvi lill-attur mal-istorja ta' allegat traffikar tad-droga, u dak li ghamel kien biss li jirreagixxi ghal

kummenti li ressaq l-attur fil-konfront tieghu. Ghamel riferenza ghad-duttrina ta' *ius retorquendi*, li tghid li jekk wiehed jirreagixxi b'malafama ghal malafama li saret fil-konfront tieghu, hu ghandu jkun skuzat. Saret referenza ghal decizjoni ta' din il-Qorti fil-kaz **Orlando v. Mizzi**, deciza fl-1 ta' Frar 1937, (Kollezz. Vol. XXIX.1.843) fejn gie osservat illi:

*"Biex ikun ammess id-dritt ta' ritorsioni f'materja ta' ingurja mhux mehtieg illi l-ingurja ribattuta tkun tal-istess gravita` bhal dik ricevuta. Id-dritt ta' ritorsjoni jirrikjedi zewg kundizzjonijiet indispensabbli, wahda illi jkun hemm ingurja precedenti u l-ohra illi min jirritorci jkollu l-animu li jiddefendi ruhhu u mhux li joffendi."*

Fl-istharrig li ghamlet din il-Qorti f'dan il-kaz, din il-Qorti ma tarax li, fil-kuntest ta' kif sehhew l-affarijiet, dak li qal il-konvenut fl-istqarrija tieghu huwa malafamanti. Dan qed jinghad anke fil-kuntest tal-principju li l-attur, bhala persuna pubblika, trid tissapporti hafna aktar kritika u attakki milli ghandha tissaporti persuna privata ohra. Min jinvolvi ruhhu fil-politika jrid jistenna li jkun involut f'investigazzjonijiet li jolqtu direttament anke membri tal-familja tieghu, ghax kull allegazzjoni fir-rigward malajr tohrog fil-berah, u min irid jinvestiga bis-serjeta` ghandu dritt isaqsi dwar dan. Hu pertinenti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija v. Zammit**, deciza fit-28 ta' Ottubru 2011, li jittratta materja ta' libell. Il-Qorti qalet li f'certu cirkostanzi, kritika fuq kwistjonijiet li jolqtu l-hajja privata ta' persuni fil-politika tista' wkoll tkun gustifikati. Il-Qorti osservat illi:

*"Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-hajja privata ta' persuna pubblika tista' tigi kkummentata u kkritikata safejn din il-hajja hija manifestament vizibbli minn barra minghajr ma tinciedi fuq il-hajja personali u intima tal-istess persuna pubblika, sakemm din il-hajja privata ma tincedix direttament u negattivament fuq il-funzjoni pubblika tal-istess persuna.*

*"Ghalhekk meta persuna pubblika jkollha dar illi hija f'qasam residenzjali tal-Gvern li tispikka fost l-istess djar*

*residenzjali fil-kobor, fit-tul u fl-gholi taghha dina ma tibqax aktar fir-relm privat izda kulhadd ghandu dritt jaghti l-opinjoni tieghu kif u ghaliex din il-persuna pubblika qeghdha f'dak l-istat, u hemm dritt illi jsiru domandi dwar il-legittimita` o meno ta' dak l-akkwist."*

Ghar-rigward ta' Norman Bezzina dan ukoll issemma fid-djarju ta' Ciro del Negro u kien isemma wkoll ma' allegazzjoni ta' hlas ta' kummissjoni fil-kuntratt tal-isptar San Raffaele. L-attur, allegatament fuq invit tal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, kien ittermina l-impieg tas-Sur Bezzina mal-Ministeru tieghu, pero`, wara xi zmien iddahhal jahdem mal-Fondazzjoni Medika inkarigata bil-bini tal-isptar San Rafaele, li taghha l-attur kien Chairman, u dan fi zmien meta l-Pulizija "kienu semghu" ismu in konnessjoni mal-kriminalita`. Fid-dawl ta' dan, isem l-attur beda jissemma, ghalkemm qatt ma gie adebitat lilu xi involviment jew konoxxenza ta' xi attivita` illecita li fiha seta' kien involut dan Norman Bezzina. Ma kienx, pero`, barra minn loku l-kumment tal-konvenut li talab lill-attur jara kif jghin lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom. Il-fatt li l-konvenut wera l-konnessjoni li l-attur kellu ma' dan Norman Bezzina, bl-ebda mod ma jista' jitfisser li l-attur qed jigi implikat f'xi attivita` illicita ta' dan Norman Bezzina.

Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta` demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' <u>gurnalizmu investigattiv serju</u>, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat. Fil-fatt, fil-kawza **Aquilina noe v. L-Avukat Generali et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja inkwistjoni: *"Fil-kawza **Galea v. Mifsud**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu <u>investigattiv</u> ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess*

*pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et,*** *Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *[2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih."*"

F'dan il-kaz, il-konvenut kien qed jinvestiga l-allegat involviment ta' hu l-attur, ta' Norman Bezzina u persuni ohra f'cirku ta' korruzzjoni tat-traffikar tad-droga, u ried li, min jaf xi haga fuq il-materja jitkellem. L-attur, li kien qed jissemma minhabba huh, u r-relazzjoni ta' xoghol li kellu ma' Norman Bezzina, hareg fuq l-attakk u akkuza lill-konvenut b'agir zleali u mhux sincier. Ir-reazzjoni tal-konvenut ma tistax tghid li kienet esagerata.

L-inferenza tal-konvenut li l-attur ma kienx qed ikun trasparenti jew jghin fl-investigazzjoni hija kritika li setghet issir, stante il-pozizzjoni pubblika tal-attur. Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ricensuri tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fid-19 ta' Jannar 2010, fil-kaz fl-ismijiet **Laranjeira Marques da Silva v. Portugal**. Dak il-kaz kien jittratta artikolu ppubblikat mill-applikant bhala gurnalist wara akkuza li politiku u tabib kien abbuza sesswalment minn pazjent. Il-Qorti Ewropea qalet li meta l-gurnalist instab hati ta' malafama kien inkisirlu d-dritt tieghu ghal-liberta` ta' espressjoni, ghax hu fl-interess pubbliku li l-*media* taghti informazzjoni dwar dak li fihom nies pubblici jkunu involuti. Fil-Press Release mahruga mir-registratur tal-Qorti Ewropea, id-decizjoni tal-Qorti Ewropea giet hekk imfissra:

*"The applicant's conviction for defamation:*

*"The Court accepted that the disputed articles had dealt with matters of general interest, as the public had the right to be informed about investigations concerning political activities. Furthermore, the issues before the courts could be discussed at any time in the press and by the public.*

*"As to the nature of the two articles, the Court pointed out that Mr Laranjeira Marques da Silva had simply imparted information concerning the criminal proceedings in question, despite adopting a critical stance towards the accused. The Court observed in that connection that it was not its place or that of the national courts to substitute their own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted. As to the editor's note, the Court took the view that, notwithstanding one sentence which was more properly to be regarded as a value judgement, it had had a sufficient basis in fact in the broader context of the media coverage of the case.*

*"Hence, while the reasons given by the national courts for Mr Laranjeira Marques da Silva's conviction had been relevant, the authorities had not given any pressing social reasons justifying the interference with the applicant's right to freedom of expression. The Court further noted that the penalties imposed on the applicant had been excessive and liable to discourage the exercise of media freedom.*

*"The Court therefore held, by five votes to two, that there had been a violation of Article 10."*

Anke, f'dan il-kaz, il-materji riferibbilment ghall-attur appellant kienu ta' interess generali, u ghalhekk sakemm dawk l-allegazzjonijiet jigu investigati b'mod <u>serju</u> u <u>prudenti</u> minn gurnalist u minghajr motivi jew skopijiet ulterjuri (tali motivi u skopijiet ulterjuri normalment ikunu subdolament travizati) ma jistax jinghad li jkun hemm diffamazzjoni permezz tal-istampa (jew permezz ta' xi mezz iehor li ghalih tirreferi l-ligi). L-attur kien qed jinvestiga l-involviment ta' certi nies kif issemmew fid-

djarju ta’ Ciro del Negro, li kien gie esebit f’guri ta’ persuna ohra akkuzata fl-involviment taghha fit-traffikar tad-droga, u hemm sab referenza ghal hu l-attur u ghal Norman Bezzina.  Il-kwistjoni kienet zgur ta’ interess pubbliku stante l-imsemmija tal-persuni allegatament involuti.  Li kien mistenni mill-attur hu li jiddissassocja ruhu mill-ghemil allegat fid-djarju, haga li ghamel, u li bl-ebda mod ma jinvolvi ruhhu fl-investigazzjoni gurnalistika;  l-attakk li ghamel fuq il-konvenut ma kienx f’waqtu u r-reazzjoni tal-konvenut kienet mistennija.  Kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet **De Haes et v. Belgium**, deciza fid-29 ta' Novembru 1995,

*“…the general interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legittimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language.”*

Il-konvenut ma qalx li l-attur ma kienx qed jikkollabora mal-awtoritajiet fis-sens li kien qed johloq ostakoli, izda li jmissu jkun pro-attiv u jippartecipa attivament fl-investigazzjoni halli tohrog il-verita` kollha.  Dan, forsi, jista’ jitqies kliem iebes u li jwegga trattandosi li kien hemm imsemmi hu l-attur fil-materja, pero`, hu diskors li setgha jsir fil-kuntest ta’ kif zviluppat l-istorja.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza li tat l-ewwel Qorti f’dan il-kaz, u tghaddi biex minflok tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------